

Dispożittiv

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013 tad-19 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1578 tat-18 ta' Settembru 2017 huwa invalidu sa fejn jikser ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 2(5) kif ukoll mill-Artikolu 3(4), (6) u (7) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-[Unjoni] Ewropea.

(¹) ĠU C 318, 22.8.2022.

Appell ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2022 minn QN mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fl-14 ta' Settembru 2022 fil-Kawża T-179/21, QN vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-720/22 P)

(2023/C 278/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: QN (rappreżentanti: N. Flandin u L. Levi, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tas-27 ta' Ġunju 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tmien Awla) ddeċidiet li l-appell huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat u li QN għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż rispettivi tiegħu.

Appell ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2023 minn Grupa "Lew" S.A. mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-8 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-672/21 – Grupa "Lew" S.A. vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-38/23 P)

(2023/C 278/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Grupa "Lew" S.A. (rappreżentanti: A. Korbela, Radca prawny, M. Besler, Rzecznik patentowy)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tat-13 ta' Ġunju 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma jiġix ammess u li l-appellanti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

Appell ippreżentat fit-13 ta' Frar 2023 minn Haskovo Chamber of Commerce and Industry mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fl-14 ta' Diċembru 2022 fil-Kawża T-526/20 – Devin vs EUIPO – Haskovo Chamber of Commerce and Industry

(Kawża C-77/23 P)

(2023/C 278/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Haskovo Chamber of Commerce and Industry (rappreżentanti: D. Dimitrova, u I. Pakidanska, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Devin EAD

Permezz ta' digriet tas-27 ta' Ġunju 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma kienx ammess u li Haskovo Chamber of Commerce and Industry għandha tbatli l-ispejjeż tagħha.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Olt (ir-Rumanija) fis-17 ta' Marzu 2023 – Prysman Cabluri și Sisteme SA vs Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Craiova – Direcția Regională Vamală Craiova, Autoritatea Vamală Română, Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili

(Kawża C-168/23, Prysman Cabluri și Sisteme)

(2023/C 278/20)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul Olt

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Prysman Cabluri și Sisteme SA

Konvenuti: Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Craiova – Direcția Regională Vamală Craiova, Autoritatea Vamală Română, Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili

Domandi preliminari

- 1) Fl-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (¹), fid-dawl tan-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Komunitajiet Ewropej fil-verżjoni fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea bin-numru 2007/C 296/02 ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-8 ta' Diċembru 2007 [(ĠU 2007, C 296, p. 4)], il-prodott magħmul minn qalba ottika u kisi ottiku mgħotti minn l-ewwel qoxra ta' ġewwa ta' akrilat artab u t-tieni qoxra tas-saff ta' akrilat iebes ikkulurit (sistema ta' kisi msejħa ColorLock), jista' jaqa' taħt l-intestatura 8544 70 00 ta' din in-nomenklatura?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, fl-interpretazzjoni tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, l-awtoritajiet doganali nazzjonali jistgħu jinjoraw l-eżistenza ta' deċiżjonijiet tal-awtorità doganali ta' dan l-Istat li ma kkontestawx il-klassifikazzjoni ta' dan il-prodott taħt l-intestatura 8544 70 00, iżda wkoll ta' deċiżjonijiet favorevoli b'informazzjoni tariffarja vinkolanti (li jiżguraw eżenzjoni mid-dazji doganali u mill-VAT) mogħtija minn awtoritajiet doganali oħra jew anki ta' deċiżjonijiet mogħtija minn qrati ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li jikkonfermaw tali klassifikazzjoni tariffarja, mingħajr ma tali aġir jikser il-prinċipji ta' applikazzjoni uniformi tal-klassifikazzjoni tariffarja, kif jirriżultaw mill-Artikolu 28 TFUE flimkien mal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi rrikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li huma rilevanti għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni?